MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 499/2014

**Conrad Borg l.D. Card No. 246584(M)**

**VS**

**De La Rue Currency and Security Print Limited (C-1043) u Kenneth Cortis (Director & Finance Manager) fil-kapacita' Tieghu ta' Chair tal-Bord ta' Dixxiplina**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-6 ta' Gunju, 2014 li jaqra hekk:

i. *"Illi huwa impjegat tas-socjeta' intimata De La Rue Currency and Security Print Limited.*

ii. *B'ittra tal-21 ta' Marzu 2014, (<u>DOK 1</u> ), l-esponent gie mgharraf illi investigazzjoni fil-konfront tieghu kienet giet konkluza u kien qed jigi akkuzat b'seba' akkuzi serjissimi, uhud minnhom ukoll ta' import u responsabbilita' penali.*

iii. *Illi permezz ta' ittra ohra tas-27 ta'Marzu 2014 (<u>DOK II</u>), l-esponent gie mgharraf illi l-proceduri ta' dixxiplina kienu ser jigu inizjalati b'seduta fis-7 ta' April 2014 fl-ufficcini tal-Avukati tal-kumpannija. llli ma din l-ittra nghata d-* ***Disciplinary Procedure*** *tal-kumpannija, li fost ohrajn jistipulaw :*

***4.2.1*** *- You may bring a companion to any disciplinary hearing or appeal hearing under this procedure. Your companion may be either a trade union representative or a work colleague at your normal place of work.*

***4.2.3*** *- The Company may, at its discretion, allow you to bring a companion who is not a work colleague or a trade union representative (for example, a member of your family) where this will help you overcome a particular difficulty caused by a disability, or where you have difficulty understanding English.*

***4.2.4*** *... the companion has no right to answer questions on your behalf .*

***7.6.6*** *...... However you will not normally be permitted to cross examine witnesses unless, in exceptional circumstances, where the manager decides that a fair hearing could not be held otherwise. (NB- jinghad l-manager msemmi, ai termini tal-artiklu 7.6.1 huwa il-Line Manager jew l-HR Manager li jkun qed jisma' u jikkonduci l-proceduri ta' dixxiplina).*

iv. *llli kif jirrizulta mill-ittra datata 10 ta' April 2014, (DOK Vl) inzammet seduta tal-Bord tad-Dixxiplina lejliet, ossia fid-9 ta' April 2014, meta l-istess Bord kien ben mgharraf , u dan rikonoxxut, illi l-Avukat li kellu jippatrocina lir-rikorrent ma setghax jattendi.* ***Nonostante dan, fl-assenza tar-rikorrent u d-difensur tieghu, il-laqgha nzammet xorta wahda.***

v. *Illi nhar il-11 ta' April 2014, inzammet it-tieni seduta u r-rikorrent kien presenti anke bl-assistenza tal-Avukat tieghu, is-sottofirmat, f'liema seduta il- kumpannija ressqet quddiem il-Bord cctv coverage in sostenn tal-provi taghha. Illi f'dik is-seduta, inkartament konsistenti parti mill-provi tal-kumpannija nghataw lid-difensur tal-mittenti bil-ghan illi jarahom sas-seduta illi jmiss, illi ma jsirux kopji u li jigu ritornati lura lill-kumpannija, b'dan illi ma jkunu qatt in atti.*

vi. *Illi nhar l-Erbgha 16 ta' April 2014, inzammet seduta ohra u r-rikorrent kien patrocinat ghal darb ohra mill-Avukat sottofirmat. Filwaqt illi saru numru ta' oggezzjonijiet mal-Bord, inkluz illi l-mittent ma kellux fiducja fil-komposizzjoni tal-Bord in kwantu illi kien konsistenti minn impjegat tal-kumpannija intimata u kif ukoll illi l-process kif kien qed jigi kondott ma kienx wiehed legittimu, kien vizzjat u kien jikser numru ta' drittijiet tar-rikorrent, inkluz imma mhux limitatament ghad-dritt ta' smiegh xieraq, inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali, jigifieri (i) nemo judex in causa sua, u (ii) audi et alteram partem, gie registrat ukoll protest peress illi (a) ma kienux nzammu minuti tas-seduti precedenti u konsegwentament l-oggezzjonijiet registrati fl-ewwel seduta ma kienx jirrizulta illi kienu minuted, bil-konsegwenza illi ma kienx hemm verbal ta l-oggezzjonijiet maghmula.*

vii. *Illi din is-seduta ntemmet hessrem wara li l-Avukat sottofirmat gie mgharraf illi huwa kien qieghed jattendi ghaliex kien qed jigi lilu hekk koncess u mhux ghaliex kien id-dritt tal-mittent illi jigi assistit fil-proceduri li kien qed jaffaccja. L-Avukat sottofirmat tal-mittent talab illi dan isir bil-miktub.*

viii. *Illi b'ittra tas-16 ta' April 2014 minn Ronald Bonnici (Head of HR), (<u>DOK III</u>), appuntu mibghuta wara s-seduta, il-mittent gie mgharraf fost ohrajn illi, b'referenza ghal questions raised by Dr Spiteri Bailey in relation to the company's disciplinary procedure and the extent of his involvement, fejn jinghad illi l-mittent kien granted the concession to be assisted by a lawyer mill-kumpannija,* ***ir-rwol tal-Avukat maghzul mill-mittent ma kienx wiehed liberu bhala Avukat*** *ta' persuna li qed jaffaccja proceduri ta' dixxiplina potenzjalment bi tkeccija mix-xoghol bhala piena, u aghar minn hekk, fejn uhud mill-akkuzi ghandhom indoli penali li jistghu anke jwasslu biex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-mittenti, izda kien rwol limitat komparat u ekwivalat mar-rwol deskritt fir-regolamenti ta' procedura ghal companion/representative.*

ix. *Illi dan kien ifisser illi l-Avukat sottofirmat li kien qed jippatrocina lill-mittenti,* ***ma setghex, per ezempju jaghmel kontro-ezami****, kien ifisser per ezempju, kif gara fis-seduta tas-16 ta' April 2014,* ***illi ma setghax jirrispondi ghan- nom tal-klijent tieghu*** *meta ic-Chair tal-Bord tad-Dixxiplina nsista illi l-mittent jirrispondi domandi tieghu*

*meta l-Management ghadu ma ghalaqx il-provi u meta in effetti u potenzjalment, ghandu dritt illi jibqa' sieket fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.*

x. *Illi l-mittenti gie mgharraf mill-Avukat tieghu illi ghalhekk u f'dawk ic-cirkostanzi, ir-rwol tieghu bhala Avukat kien kompromess u ma setghax jibqa' jippatrocinah (DOK IV).*

xi. *Illi b'ittra ohra tal-24 ta'April 2014, (DOK V), il-mittent gie mgharraf illi l- process kien ser ikompli b'seduta ohra* ***llum*** *fit-30 ta' April 2014, u gie mgharraf ukoll illi kienet il-kumpannija illi uzat id-diskrezzjoni taghha illi tippermetti illi l-mittenti jkun akkumpanjat u di piu', illi l-mittent seta' jiehu l- Avukat as your companion to this hearing.*

xii. *Illi l-mittenti gie mgharraf illi f'dawn ic-cirkostanzi, l-Avukat tal-fiducja tieghu ma' setghax jaqdi d-doveri tieghu bhala Avukat, imma biss bhala "companion" - u konsegwentament l-mittenti kien ser ikun sprovvist mill-Avukat tal-fiducja tieghu.*

xiii. *Illi dan kollu ifisser illi, fil-kuntest tal-fatt illi qieghed jaffaccja charges li jistghu iwasslu ghat-tkeccija mill-impjieg tieghu, charges ta' indoli penali bil- konsegwenzi kollha li dik iggib maghha, quddiem Bord tad-Dixxiplina illi huwa kompost minn impjegat tal-istess socjeta' intimata (Kenneth Cortis – Director & Finance Manager) u allura altru milli indipendenti, Bord illi ma ddejjaq xejn anke jzomm seduta fl-assenza tal-istess mittent kif hawn fuq msemmi, il- mittenti bir-ragun hass illi l-kontinwazzjoni tal-proceduri kienu ser jilledu u jippregudikaw id-drittijiet tieghu.*

xiv. *Illi r-rikorrent, bil-proceduri adottati u prattikati anke skond id-Disciplinary Procedure in skritt, ma jista' qatt jinghata fair hearing.*

xv. *Illi fuq kollox, id-dritt tal-persuna li qed jirrispondi ghal diversi akkuzi, fosthom ta' indoli kriminali, li jkun assistit minn Avukat tal-fiducja tieghu, li jkun jista' jaqdi l-funzjoni ta' Avukat, hieles minn kull xkiel, hieles minn kull u kwalsiasi kompromess, minghajr ma jitqies xi pjacir imma li bi dritt il-mittenti jkun assistit - huma drittijiet illi ghandhom jigu dejjem kawtelati salvagwardjati f'kull process, inkluz dak ta' dixxiplina.*

xvi. *Illi proprju minhabba l-pregudizzju li r-rikorrenti kien qieghed isofri u l-biza ta' aktar pregudizzji, l-esponent talab u ottjena Mandat ta' lnibizzjoni sabiex appuntu jzomm lill-intimati milli jkomplu bil-process ta' dixxiplina li kien minnhom mibdi kif hawn fuq msemmi.*

xvii. *Illi dan sar peress illi hemm difetti fondamentali serji fil-procedura ta' dixxiplina addottata mis-socjeta' intimata u ezegwita mill-intimat Cortis, liema difetti u irregolaritajiet jammontaw ukoll u fost ohrajn, ghal ksur tal-principji tal- gustizzja naturali, billi fost ohrajn mhux qed jaghti opportunita' xierqa lir-rikorrenti jiddefendi ruhu sewwa u dan bi ksur tad-drittijiet tieghu.*

***Ghaldaqstant****, ir-rikorrenti qieghed jitlob li din l-Onorabbli Qotli joghgobha :*

1. *Tiddikjara illi l-investigazzjoni u/jew process ta' dixxiplina kontra r- rikorrenti huma manifestament ingiusti u jiksru l-principji ta' gustizzja naturali peress illi l-intimati qed jonqsu milli jaghtu lir-rikorrenti opportunita' xierqa ta' difiza, u b'hekk l-intimati qed jiksru d-drittijiet tieghu.*

2. *Tiddikjara nulli u bla effett il-proceduri ta' investigazzjoni u/jew dixxiplina mehuda mill-kumpannija intimata fil-konfront tar-rikorrent.*

3. *Tiddikjara illi bl-agir illegali u abuziv taghha, il-kumpannija intimata ikkawzat u ghadha qed tikkawza danni ingenti lir-rikorrenti, inkluz hsara psikologika u telf ta' qliegh u paga.*

4. *Tiddikjara lis-socjeta' intimata responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti.*

5. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, kemm dawk attwali konsistenti f'telf ta' introjtu u qliegh u kif ukoll dawk futuri, inkluz danni ghal hsara psikologika u ghar-riparazzjoni tal-ingurja morali li giet kkawzata lilu.*

6. *Tikkundanna lill-intimati jew lil min minnhom sabiex ihallas d-danni hekk likwidati.*

7. *Tikkonferma l-fuq msemmi Mandat ta' Inibizzjoni numru 662/2014AF.*

*Bl-ispejjes kollha, inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 662/2014AF kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra li tista' tispetta lir-rikorrenti, inkluz dik ghal hlas tal-paga kollha dovuta lir-rikorrenti wara illi din twaqqfet in segwitu ghall-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq msemmi."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, digiret u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' De La Rue Currency and Security Print Limited ("DRL") tal-4 ta' Lulju 2014 li taqra hekk:

*"**Id-Difiza***

1. *Preliminarjament, sa fejn it-talbiet attrici jirrigwardaw sejba ghal responsabbilta' tas-socjeta' intimata fir-rigward tal-proceduri ta' investigazzjoni, dawn m'ghandhomx jintlaqghu peress li mill-premessi tar-rikors guramentat ma jirrizulta l-ebda lanjanza tar-rikorrent dwar il-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni;*

2. *Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, sa fejn tirrigwardaw il-proceduri tad-dixxiplina, l-azzjoni hija intempestiva u dan ghaliex il-bord tad-dixxiplina ghadu lanqas biss beda jisma' l-mertu ta' dawn il-proceduri;*

3. *Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-proceduri ta' investigazzjoni, l-principji ta' gustizzja naturali ma japplikawx. Ghaldaqstant kull talba li hija maghmula fir-rikors guramentat m'ghandiex tintlaqa sa fejn din ghandha x'taqsam ma' l-investigazzjoni li ghamlet is-socjeta' intimata fuq ir-rikorrent;*

4. *Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju, fir-rigward tat-talba numru hamsa, ma tista' ssir ebda talba ghal danni ghal "hsara psikologika u ghar-riparazzjoni tal-ingurja morali".*

5. *Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju, il-ligi ma tipprovdix il-possibilta' ta' mandat ta' inibizzjoni permanenti u ghaldaqstant is-seba' talba ma tistax tigi akkolta;*

6. *Minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad li is-seba' talba m'ghandhiex tigi akkolta l-ghaliex id-digriet tal-Qorti fir-rigward tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni huwa iktar wiesgha mill-premessi u talbiet f'din il-kawza u jekk tintlaqa' b'mod permanenti jkun ifisser li s-socjeta' intimata ma tista' tiehu l-ebda passi dixxiplinari kontra l-impjegat taghha, anke fejn dawk il-passi huma gustifikati;*

7. *Fil-mertu, u minghajr pregudizzju, DRL tichad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent. Ma kien hemm l-ebda ksur tal-principji tal-gustizzja naturali fl-investigazzjoni kif ukoll fir-rigward tal-bidu tal-process tad-dixxiplina. Fir-rigward tal-process tad-dixxiplina, r-rikorrent dejjem kien u ghadu ser jinghata kull opportunita' xierqa li jressaq id-difiza tieghu;*

8. *Fil-mertu u minghajr pregudizzju ukoll, il-proceduri ta' dixxiplina applikabbli jirrispettaw il-principji tal-gustizzja naturali u d-dritt ghal smigh xieraq;*

9. *Fil-mertu u minghajr pregudizzju ukoll, DRL tichad li hija responsabbli ghal xi danni fil-konfront tar-rikorrent;*

***Il-Fatti***

1. *Fir-rigward tal-paragrafi enumerati (i) sa (xi), il-kronologija tal-fatti kif mressqa mir-rikorrent mhix kompluta u ma turix lil din il-Qorti b'mod car, il-fatti kif graw. Ghaldaqstant, l-esponent ser jipprovdi l-versjoni tieghu tal-fatti, kif fil-fatt graw.*

2. *Ft-21 ta' Marzu is-socjeta' esponenti kkonkludiet investigazzjoni li giet instigata minn rapport maghmul minn impjegat b'kundizzjoni li l-identita' tieghu tibqa mhux maghrufa (whistleblower).*

3. *Fil-21 ta'Marzu 2014 giet mibghuta ittra (Dokument A) lir-rikorrent, li kien sospiz (fuq paga shiha) pendenti l-investigazzjoni. Din l-ittra infurmat lir-rikorrent bl-akkuzi li kienu qed jingiebu kontrih, abbazi ta' dak li hareg mill-investigazzjoni. Fl-istess ittra r-rikorrent gie nfurmat li seduta tal-Bord ta' Dixxiplina kienet ser tinzamm fis-27 ta' Marzu 2014. Ir-rikorrent gie infurmat ukoll li fir-rigward tas-seduti li jinzammu quddiem il-Bord tad-Dixxipplina, huwa seta jinvolvi avukat li seta' jkun mieghu f'dawn il-proceduri. lr-rikorrent gie infurmat ukoll li kien ser ikollu kull opportunita'*

*ta' access ghad-dokumentazzjoni u l-elementi ohrajn migbura waqt l-investigazzjoni. Kif ser jigi spjegat fil-kors ta' dawn il-proceduri, is-socjeta' esponenti ma kienetx f' pozizzjoni li tirrilaxxa din id-dokumentazzjoni u elementi ohra minn idejha liberament, u offriet access ghalihom fl-24 ta' Marzu, sabiex ir-rikorrent ikollu l-opportunita jipprepara l-kaz tieghu u jara liema xhiedha jinnecessita ghad- difiza tieghu.*

4. *Ebda wahda minn dawn id-dati ma inghatat xi utilita'. Ir-rikorrent ghazel hu stess li ma jidhirx quddiem il-Bord fis-27 ta' Marzu 2014 ghaliex ir-rikorrent iddecieda li jibdel l-avukat li kien qieghed jassistih u talab sabiex dawn id-dati jigu posposti.*

5. *Permezz ta' ittra datata 27 ta' Marzu 2014 (dokument II anness mar-rikors guramentat), is-socjeta' esponenti kkonfermat l-accettazzjoni taghha li jigu posposti l-laqghat li kienu gew mgharrfa lir-rikorrent u r-rikorrent intalab jaghmel kuntatt mas-socjeta' esponenti sabiex jigi stabbilit kif il-process jista jitmexxa bl-aktar mod efficjenti. Sabiex jigi akkomodat ir-rikorrent id-dati tressqu, bis-seduta ta' dixxiplina skedata ghas-7 ta' April 2014, u access ghad- dokumentazzjoni u CCTV moghtija fl-1 u t-2 ta' April.*

6. *Fl-4 ta' April, is-socjeta' esponenti regghet ikkomunikat mar-rikorrent (dokument B), peress illi ma kienet semghet xejn minghandu. F'din il-komunika regghet proponiet dati alternattivi sabiex ir-rikorrent ikollu access ghall-materjal relevanti (DRL ssuggeriet id-9 ta' April), kif ukoll ghal seduta tal-Bord ta' Dixxiplina (DRL iffisat il-11 ta' April). Dan sar anke b'certu sens ta' urgenza, peress illi l-process kien qed jittawwal inutilment, u sa dak inhar kien ghadu lanqas inbeda, meta f' kazijiet normali kien ikun konkluz sa dak iz-zmien.*

7. *Minhabba nuqqas ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni kontinwa da parti tar-rikorrent, is-socjeta' esponenti kellha tikteb b'aktar sahha, u permezz ta' ittra datata 9 ta' April 2O14 (dokument C) infurmat lir-rikorrent li kellu jattendi laqgha dak inhar u seduta tal-bord ta' Dixxiplina fil-11 ta' April 2014.*

8. *Ir-rikorrent naqas milli jsegwi struzzjonijiet cari tas-socjeta' esponenti u naqas milli jattendi l-laqgha kif dirett. Ghalhekk, permezz ta' ittra datata 10 ta' April 2014*

*(dokument V mar-rikors guramentat), is-socjeta' esponenti infurmat lir-rikorrent bil-kambjamenti ulterjuri sabiex, ghal darb' ohra, takkommodah.*

9. *Fil-11 ta' April saret l-ewwel laqgha sabiex is-Security Manager juri u jispjega, kemm lir-rikorrent, kif ukoll lill-Bord ta' Dixxipplina, l-informazzjoni u elementi ohrajn li hargu waqt l-investigazzjoni. Peress illi ma ntlahaqx gie muri/spjegat kollox fil-hin li kien disponibbli l-avukat tar-rikorrent, gie ffissat appuntament iehor ghal laqgha fis-16 ta' April 2014.*

10. *Waqt il-laqgha tas-16 ta' April tqajjmu numru ta' mistoqsijiet dwar ir-rwol tal-avukat tar-rikorrent fil-proceduri, kif ukoll fir-rigward tal-process innifsu. Fl-istess laqgha gie miftiehem li ssir site visit fil-fabbrika tas-socjeta' esponenti sabiex l-avukat tar-rikorrent u l-Bord ta' Dixxiplina jaraw elementi ohrajn li kienu ta' natura tali li lanqas setghu jinhargu mill-vault tas-socjeta' esponenti.*

11. *Wara din il-laqgha, u l-ittra li baghtet is-socjeta' esponenti fl-istess gurnata (dokument III anness mar-rikors promotur), l-ahhar li semghet, qabel irciviet ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, kien li r-rikorrent kellu jiddiskuti ma' l-avukat tieghu biex jara jekk jixtieqx jibqa jirraprezentah, u ghalhekk kellha wkoll tithassar (ghal darb' ohra) il-laqgha tat-18 ta' April 2014.*

12. *Fl-24 ta' April, is-socjeta' esponenti regghet ikkuntattjat lir-rikorrent permezz ta' ittra (dokument Vl mar-rikors guramentat), sabiex il-procedura ma tigix totalment stultifikata. Ir-rikorrent inghata dati ohrajn sabiex jattendi ghal laqgha tal-Bord ta' Dixxiplina, u sabiex jinforma lis-socjeta' esponenti min kienu x-xhieda li xtaq itella fil-prezentazzjoni tad-difiza tieghu.*

13. *Minkejja dan, ma kien hemm ebda komunika minghand ir-rikorrent, hlief ghar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, li gie pprezentat fit-30 ta' April, u cioe' gimghatejn wara l-laqgha tas-16 ta' April 2014, u minghajr ebda komunikazzjoni minghand ir-rikorrent.*

14. *Fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet li l-proceduri kif kienu qed jigi kondott kienu ser jiksru d-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq, is-socjeta' esponenti tirrispondi li dan mhux minnu. Il-Bord tad-dixxiplina huwa kompost skont il-ftehim kollettiv tal-kumpannija, ir-rikorrent gie moghti kull fakolta' li jirrispondi ghall-akkuzi, li jkun*

*prezenti u anke biex jaghmel kontro-ezamijiet lix-xhieda li tressqu. Fir-rigward tal-asserzjoni li l-avukat ma setghax jaghmel kontro-ezami jinghad li dan mhux il-kaz. Il-procedura addotata mill-bord tad-dixxipplina kienet li kull mistoqsija li kellha issir in kontro-ezami kienet issir bil-miktub u maghmula lix-xhud mir-rapprezentant tal-Bord.*

15. *In oltre, fis-sustanza r-rikorrent inghata wkoll konferma, tramite l-avukat tieghu, li kwalunkwe rikjesta ragonevoli maghmula bil-miktub u anka jekk mhix koperta mill-procedura ta' dixxiplina, kienet ser tigi akkomodata inkluz li l-avukat tar-rikorrent ikun prezenti waqt seduti tal-Bord ta' Dixxiplina, li jitkellem f isem ir-rikorrent, li jaghmel mistoqsijiet direttament lix-xhieda f'isem ir-rikorrent u li jaghmel sottomissjonijiet (ara email datat 26 ta' April, dokument D).*

16. *Jinghad illi sabiex wiehed jara u jiddetermina jekk ikun inghata fair hearing u jekk il-principji tal-gustizzja naturali gewx rispettati jew le, wiehed irid l-ewwel jistenna l-ezitu tal-proceduri tad-dixxiplina u wara jaghmel evalwazzjoni tal-process kollu kif kien mexa. Wiehed ma jistax jallega ksur ta' dritt ta' fair hearing meta l-proceduri ghadhom lanqas gew konkluzi (u fil-verita' il-laqghat tal-Bord ta' Dixxiplina ghal dan l-iskop ghadhom lanqas inbdew).*

17. *Illi kull m'huwa qed jaghmel ir-rikorrent huwa li jistultifika kemm jista' jkun il-process tad-dixxiplina (u issa sahansitra jipprova jinnullifikah) sabiex il-Bord ma jiddecidiex dwar l-akkuzi li ngabu kontra tieghu.*

18. *Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent.*

*Bl-ispejjez."*

Rat ir-risposta guramentata ta' Kenneth Cortis tal-4 ta' Lulju 2014 (a fol. 31 et seq) li taqra hekk:

*"**Id-Difiza***

1. *Preliminarjament, l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;*

2. *Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, sa fejn it-talbiet attrici jirrigwardaw sejba ghal responsabbilta' tal-intimati fir-rigward tal-proceduri ta' investigazzjoni, dawn m'ghandhomx jintlaqghu peress li mill-premessi tar-rikors guramentat ma jirrizulta l-ebda lanjanza tar-rikorrent dwar il-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni;*

3. *Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, sa fejn tirrigwarda l-proceduri tad-dixxiplina, l-azzjoni hija intempestiva u dan ghaliex il-bord tad-dixxiplina ghadu lanqas biss beda jisma' l-mertu ta' dawn il-proceduri;*

4. *Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-proceduri ta' investigazzioni, l-principji ta' gustizzja naturali ma japplikawx. Ghaldaqstant kull talba li hija maghmula fir-rikors guramentat m'ghandhiex tintlaqa sa fejn din ghandha x'taqsam ma' l-investigazzjoni li ghamlet is-socjeta' intimata fuq ir-rikorrent;*

5. *Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju, fir-rigward tat-talba numru hamsa, ma tista' ssir ebda talba ghal danni ghal "hsara psikologika u ghar-riparazzjoni tal-ingurja morali".*

6. *Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju, il-ligi ma tipprovdix il-possibilta' ta' mandat ta' inibizzjoni permanenti u ghaldaqstant is-seba' talba ma tistax tigi akkolta;*

7. *Minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad li is-seba' talba m'ghandhiex tigi akkolta l-ghaliex id-digriet tal-Qorti fir-rigward tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni huwa iktar wiesgha mill-premessi u talbiet f'din il-kawza u jekk tintlaqa' b'mod permanenti jkun ifisser li s-socjeta' intimata ma tista' tiehu l-ebda passi dixxiplinari kontra l-impjegat taghha, anke fejn dawk il-passi huma gustifikati;*

8. *Fil-mertu, u minghajr pregudizzju, l-esponenti jichad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent. Ma kien hemm l-ebda ksur tal-principji tal-gustizzja naturali fl-investigazzjoni kif ukoll fir-rigward tal-bidu tal-process tad-dixxiplina. Fir-rigward tal-process tad-dixxiplina, r-rikorrent dejjem kien u ghadu ser jinghata kull opportunita' xierqa li jressaq id-difiza tieghu;*

9. *Fil-mertu u minghajr pregudizzju ukoll, il-proceduri ta' dixxiplina applikabbli jirrispettaw il-principji tal-gustizzja naturali u d-dritt ghal smigh xieraq;*

10. *Fil-mertu u minghajr pregudizzju ukoll, l-esponenti jichad li huwa responsabbli ghal xi danni fil-konfront tar-rikorrent;*

***Il-Fatti***

1. *Fir-rigward tal-paragrafi enumerati (i) sa (xi), il-kronologija tal-fatti kif mressqa mir-rikorrent mhix kompluta u ma turix lil din il-Qorti b'mod car, il-fatti kif graw. Ghaldaqstant, l-esponent ser jipprovdi l-versjoni tieghu tal-fatti, kif fil-fatt graw.*

2. *Fil-27 ta' Marzu is-socjeta' intimata kkonkludiet investigazzjoni li giet instigata minn rapport maghmul minn impjegat b'kundizzjoni li l-identita' tieghu tibqa mhux maghrufa (whistleblower).*

3. *Fil-21 ta'Marzu 2014 giet mibghuta ittra (Dokument A) lir-rikorrent, li kien sospiz (fuq paga shiha) pendenti l-investigazzjoni. Din l-ittra infurmat lir-rikorrent bl-akkuzi li kienu qed jingiebu kontrih, abbazi ta' dak li hareg mill-investigazzjoni. Fl-istess ittra r-rikorrent gie nfurmat li seduta tal-Bord ta' Dixxiplina kienet ser tinzamm fis-27 ta' Marzu 2014. Ir-rikorrent gie infurmat ukoll li fir-rigward tas-seduti li jin2ammu quddiem il-Bord tad-Dixxipplina, huwa seta jinvolvi avukat li seta' jkun mieghu f'dawn il-proceduri. Ir-rikorrent gie infurmat ukoll li kien ser ikollu kulll opportunita' ta' access ghad-dokumentazzjoni u l-elementi ohrajn migbura waqt l-investigazzjoni. Kif ser jigi spjegat fil-kors ta' dawn il-proceduri, is-socjeta' intimata ma kienetx f'pozizzjoni li tirrilaxxa din id-dokumentazzjoni u elementi ohra minn idejha liberament, u offriet access ghalihom fl-24 ta' Marzu, sabiex ir-rikorrent ikollu l-opportunita jipprepara l-kaz tieghu u jara liema xhiedha jinnecessita ghad-difiza tieghu.*

4. *Ebda wahda minn dawn id-dati ma inghatat xi utilita'. lr-rikorrent ghazel hu stess li ma jidhirx quddiem il-Bord fis-27 ta' Marzu 2014 ghaliex ir-rikorrent iddecieda li jibdel l-avukat li kien qieghed jassistih u talab sabiex dawn id-dati jigu posposti.*

5. *Permezz ta' ittra datata 27 ta' Marzu 2014 (dokument II anness mar-rikors guramentat), is-socjeta' intimata kkonfermat l-accettazzjoni taghha li jigu posposti l-laqghat li kienu gew mgharrfa lir-rikorrent u r-rikorrent intalab jaghmel kuntatt mas-socjeta' intimata sabiex jigi stabbilit kif il-process jista jitmexxa bl-aktar mod efficjenti. Sabiex jigi akkomodat ir-rikorrent id-dati tressqu, bis-seduta ta' dixxiplina skedata ghas-7 ta' April 2014, u access ghad- dokumentazzjoni u CCTV moghtija fl-1 u t-2 ta' April.*

6. *Fl-4 ta' April, is-socjeta' intimata regghet ikkomunikat mar-rikorrent (dokument B), peress illi ma kienet semghet xejn minghandu. F'din il-komunika regghet proponiet dati alternattivi sabiex ir-rikorrent ikollu access ghall-materjal relevanti (DRL ssuggeriet id-9 ta' April), kif ukoll ghal seduta tal-Bord ta' Dixxiplina (DRL iffisat il-11 ta' April). Dan sar anke b'certu sens ta' urgenza, peress illi l-process kien qed jittawwal inutilment, u sa dak inhar kien ghadu lanqas inbeda, meta f' kazijiet normali kien ikun konkluz sa dak iz-zmien.*

7. *Minhabba nuqqas ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni kontinwa da parti tar-rikorrent, is-socjeta' intimata kellha tikteb b'aktar sahha, u permezz la' ittra datata 9 ta' April 2014 (dokument C) infurmat lir-rikorrent li kellu jattendi laqgha dak inhar u seduta tal-bord ta' Dixxiplina fil-11 ta' April 2014.*

8. *Ir-rikorrent naqas milli jsegwi struzzjonijiet cari tas-socjeta' intimata u naqas milli jattendi l-laqgha kif dirett. Ghalhekk, permezz ta' ittra datata 10 ta' April 2014 (dokument V mar-rikors guramentat), is-socjeta' intimata infurmat lir-rikorrent bil-kambjamenti ulterjuri sabiex, ghal darb' ohra, takkommodah.*

9. *Fil-11 ta' April saret l-ewwel laqgha sabiex is-Security Manager juri u jispjega, kemm lir-rikorrent, kif ukoll lill-Bord ta' Dixxipplina, l-informazzjoni u elementi ohrajn li hargu waqt l-investigazzjoni. Peress illi ma ntlahaqx gie muri/spjegat kollox fil-hin li kien disponibbli l-avukat tar-rikorrent, gie ffissat appuntament iehor ghal laqgha fis-16 ta' April 2014.*

10. *Waqt il-laqgha tas-16 ta' April tqajjmu numru ta' mistoqsijiet dwar ir-rwol tal-avukat tar-rikorrent fil-proceduri, kif ukoll fir-rigward tal-process issifsu. Fl-istess laqgha gie miftiehem li ssir site visit fil-fabbrika tas-socjeta' intimata sabiex l-avukat tar-*

*rikorrent u l-Bord ta' Dixxiplina jaraw elementi ohrajn li kienu ta' natura tali li lanqas setghu jinhargu mill-vault tas-socjeta' intimata.*

11. *Wara din il-laqgha, u l-ittra li baghtet is socjeta' intimata fl-istess gurnata (dokument III anness mar-rikors promotur), l-ahhar li semghet, qabel irciviet ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, kien li r-rikorrent kellu jiddiskuti ma' l-avukat tieghu biex jara jekk jixtiequx jibqa jirraprezentah, u ghalhekk kellha wkoll tithassar (ghal darb' ohra) il-laqgha tat-18 ta' April 2014.*

12. *Fl-24 ta' April, is-socjeta' intimata regghet ikkuntattjat lir-rikorrent permezz ta' ittra (dokument VI mar-rikors guramentat), sabiex il-procedura ma tigiex totalment stultifikata. Ir-rikorrent inghata dati ohrajn sabiex jattendi ghal laqgha tal-Bord ta' Dixxiplina, u sabiex jinforma lis-socjeta' intimata min kienu x-xhieda li xtaq itella fil-prezentazzjoni tad-difiza tieghu.*

13. *Minkejja dan, ma kien hemm ebda komunika minghand ir-rikorrent, hlief ghar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, li gie pprezentat fit-30 ta' April, u cioe' gimghatejn wara l-laqgha tas-16 ta' April 2014, u minghajr ebda komunikazzjoni minghad ir-rikorrent.*

14. *Fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet li l-proceduri kif kienu qed jigi kondott kienu ser jiksru d-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq, is-socjeta' intimata tirrispondi li dan mhux minnu. Il-Bord tad-dixxiplina huwa kompost skont il-ftehim kollettiv tal-kumpannija, ir-rikorrent gie moghti kull fakolta' li jirrispondi ghall-akkuzi, li jkun prezenti u anke biex jaghmel kontro-ezamijiet lix-xhieda li tressqu. Fir-rigward tal-asserzjoni li l-avukat ma setghax jaghmel kontro-ezami jinghad li dan mhux il-kaz. Il-procedura addotata mill-bord tad-dixxipplina kienet li kull mistoqsija li kellha issir in kontroezami kienet issir bil-miktub u maghmula lix-xhud mir-rapprezentant tal-Bord.*

15. *In oltre, fis-sustanza r-rikorrent inghata wkoll konferma, tramite l-avukat tieghu, li kwalunkwe rikjesta ragonevoli maghmula bil-miktub u anka jekk mhix koperta mill-procedura ta' dixxiplina, kienet ser tigi akkomodata inkluz li l-avukat tar-rikorrent ikun prezenti waqt seduti tal-Bord ta' Dixxiplina, li jitkellem f'isem ir-rikorrent, li jaghmel mistoqsijiet direttament lix-xhieda f' isem ir-rikorrent u li jaghmel sottomissjonijiet (ara email datat 26 ta' April, dokument D).*

16. *Jinghad illi sabiex wiehed jara u jiddetermina jekk ikun inghata fair hearing u jekk il-principji tal-gustizzja naturali gewx rispettati jew le, wiehed irid l-ewwel jistenna l-ezitu tal-proceduri tad-dixxiplina u wara jaghmel evalwazzjoni tal-process kollu kif kien mexa. Wiehed ma jistax jallega ksur ta' dritt ta' fair hearing meta l-proceduri ghadhom lanqas gew konkluzi (u fil-verita' il-laqghat tal-Bord ta' Dixxiplina ghal dan l-iskop ghadhom lanqas inbdew).*

17. *Illi kull m'huwa qed jaghmel ir-rikorrent huwa li jistultifika kemm jista' jkun il-process tad-dixxiplina (u issa sahansitra jipprova jinnullifikah) sabiex il-Bord ma jiddecidiex dwar l-akkuzi li ngabu kontra tieghu.*

18. *Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent.*

Bl-*ispejjez.”*

Rat ir-rikors kongunt tas-socjeta' De La Rue Currency and Security Print Limited (C 12653) u ta' Kenneth Cortis (lD 293269(M)) ai termini tas-subinciz (f) ta' l-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tat-22 ta’ Gunju 2015 (a fol. 80 et seq) li jaqra hekk:

1. *Fit-30 ta' April 2014 ir-rikorrent fil-proceduri fl-ismijiet premessi talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, liema talba giet milqugha provizorjament minn din l-Onorabbli Qorti (diversament preseduta).*

2. *Ft-21 ta' Mejju 2014, din l-Onorabbli Qorti (diversament preseduta) laqghet definittivament it-talba maghmulha mir-rikorrent, illi "zzomm lill-intimati milli jkomplu bil-proceduri to' dixxiplina u kwalsiasi proceduri ohra ancillari u relatati kontrih u fil-konfront tieghu" .*

3. *Ir-rikorrent talab il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni abbazi tal-fatt illi ma kienx kuntent bil-procedura adoperata mis-socjeta' esponenti, u mill-grupp De La Rue globalment, ghalkemm din il-procedura tithaddem minghajr problemi f'aktar minn 30 pajjiz madwar id-dinja.*

4. *In sintezi, l-ilmenti tar-rikorrent (anka kif impustati fir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni) kienu jirrigwardaw il-kompozizzjoni tal-bord ta' dixxiplina u l-mod ta' kif kien qed jigi kondott il-process, izda principalment li r-rwol tal-avukat tar-rikorrent ma kienx wiehed liberu bhala avukat u li ma setax, per ezempju, jaghmel kontro ezami u jitkellem ghan-nom tar-rikorrent.*

5. *Fi kliem iehor, ir-rikorrent hassu aggravat ghaliex inghata biss 'koncessjoni' li jkun assistit minn avukat, u ghaliex l-avukat tieghu ma kienx moghti l-jedd li jirraprezentah b'mod pjen, izda biss bhala 'companion' kif indikat fil-procedura ta' dixxiplina adoperata mis-socjeta' esponenti.*

6. *Kif jinghad fir-risposta ghar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, kif ukoll fir-risposta ghar-rikors guramentat tar-rikorrent li bihom inbdew il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti, is-socjeta' esponenti kienet diga ghamlet tentattiv (permezz ta' komunikazzjoni datat 26 ta' April 2014 [1]) sabiex takkomoda lir-rikorrent, u kkonfermat li kwalunkwe rikjesta ragonevoli maghmula bil-miktub u anka jekk mhix koperta mill-procedura ta' dixxiplina, kienet ser tigi akkomodata. Dan jidher li ma kienx bizzejjed ghar-rikorrent, li xorta wahda deherlu li jehtieg il-protezzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni.*

7. *Fit-13 ta' Ottubru 2014, is-socjeta' esponenti regghet ghal darb' ohra ghamlet tentattiv ulterjuri sabiex telimina kull lanjanza li setgha kellu r-rikorrent u, permezz ta' komunika mill-avukat sottofirmat lill-avukar tar-rikorrent,[2] ipproponiet struttura ghat-tkomplija tal-proceduri ta' dixxiplina, fl-ahjar interess taz-zewg partijiet, u sabiex ma jkunx jehtieg li jitkomplew dawn il-proceduri.*

8. *Ir-rikorrent kien diga kellu access ghall-materjal u evidenza kollha li ngabret waqt l-investigazzjoni, hlief ghal bicca evidenza li ma setghetx tinhareg mill-voult tas-socjeta' esponenti ghaliex tikkonsisti f'karta ta' flus stampata. Ghalhekk, l-ewwel parti tal-proposta titratta din l-evidenza u titlob konferma lir-rikorrent jekk hux bi hsiebu jaccessaha, kif ukoll jekk l-avukat tieghu jixtieqx jaghmel access fuq il-post, sabiex jinftiehem ahjar il-kuntest tas-CCTV recordings li kienu ntwerew.*

---

[1] *Dokument D anness mar-risposta guramentata tas-socjeta'esponenti*
[2] *Kopja annessa u mmarkata 'Dok DLR1'*

9. *Gie wkoll ikkonfermat lir-rikorrent li l-bord ta' dixxiplina kien ser ikun kompost minn Kenneth Cortis, li huwa accountant kwalifikat, kif ukoll direttur u Finance Manager tas-socjeta' esponenti. Gie ulterjorment ikkjarifikat illi s-Sur Kortis kien esklussivament kompetenti u responsabbli sabiex jiddetermina jekk it-charges migjuba kontra r-rikorrent kienux gustifikati u sostnuti mill-evidenza li ngabret fl-investigazzjoni, kif ukoll abbazi tax-xhieda, evidenza u sottomissjonijiet li kien ser jaghmel ir-rikorrent. Ghall-finijiet ta' equality of arms, ir-rikorrent gie nfurmat ukoll li kemm-il darba hu kien ser jigi assistit minn avukat, is-Sur Kortis ukoll kien ser ikollu access ghal avukat sabiex jiehu l-pariri legali li jidhirlu necessarji - biss kien inekwivoku li d-decizjoni dwar htija jew le, hija biss tas-Sur Kortis.*

10. *L-aktar parti sostantiva tal-proposta maghmula mis-socjeta' esponenti titratta r-rwol tal-avukat tar-rikorrent, kemm 'il darba dan jaghzel li jkun assistit minn avukat. Gie specifikat li l-avukat tar-rikorrent (li diga kellu access liberu ghad-dikjarazzjonijiet tal-impjegati) setgha jattendi ghas-seduti tad-dixxiplina, jitkellem ghan-nom tar-rikorrent, jaghmel mistoqsijiet (inkluz kontro ezami) lix-xhieda ghan-nom tar-rikorrent, kif ukoll jaghmel is-sottomissjonijiet li jidhrulu xierqa lill-bord tad-dixxiplina ghan-nom tar-rikorrent.*

11. *Jigi ccarat li din il-proposta saret mhux ghaliex is-socjeta esponenti dehrilha li fil-kontestazzjoni tal-process dixxiplinarju r-rikorrent kellu xi ombra ta' ragun izda kkoncediet process differenti biex taghlaq il-process dixxiplinarju b'decizjoni - jew li r-rikorrent jerga jigi integrat fix-xoghol jew jitwissa jew li jitkecca. lzda certament mhux li s-sitwazzjoni tibqa' fil-limbu. Ta' min jirrileva ulterjorment li din l-incertezza tohloq diffikultajiet kbar ghat-tmexxija ta' l-impjegati tas-socjeta esponenti li llum jissuperaw il-500. Dawn naturalment, bl-imbekkata ta' hadd hlief ir-rikorrent, qed jahdmu taht is-serhan tal-mohh - anke jekk temporanju - li l-procedura dixxiplinarja fis-sistema ma tistax tintuza fil-konfront taghhom ghaliex tinsab hawn kontestata.*

12. *Kien biss sabiex taghlaq il-kapitlu fuq l-incertezza illi s-socjeta' esponenti ghamlet il-proposta lir-rikorrent li jigi dixxiplinat taht kappa ta' regoli li hu ma seta' kellu ebda problema bihom ghaliex kienu jindirizzaw kull 'skuza' li huwa kien issolleva. Sa certu punt, l-esponenti ma kellha ebda dubbju li b'din il-proposta kienet ser toqtol il-lanjanzi kollha tar-rikorrent u ghalhekk tizblokka din is-sitwazzjoni xejn*

*felici li l-partijiet f'dawn il-proceduri jinsabu fiha. Ta' min jirrileva, ghalkemm forsi dan huwa l-ovvju, illi f'kaz ta' decizjoni negattiva fil-konfront tar-rikorrent, hu naturalment jibqaghlu mhux mittiefes id-dritt tieghu li jikkontesta kemm (i) id-decizjoni tal-bord ta' dixxiplina, li minnha hemm appell intern, kif ukoll (ii) kawlunkwe decizjoni mehuda fil-process intern tas-socjeta' esponenti, fil-forum adegwat. Li ghamlet dak kollu li setghet taghmel is-socjeta esponenti biex telimina l-lanjanza ta' Conrad Borg ma hemm l-ebda dubbju. Minkejja dan, ma kien hemm ebda risposta ghal din il-proposta.*

13. *Meta ghaddew ix-xhur, u wara l-festi ta' zmien il-Milied, is-socjeta' esponenti regghet talbet[3] lill-avukat tar-rikorrent jikkonferma l-pozizzjoni tar-rikorrent fir-rigward ta' din il-proposta - sa dak iz-zmien is-socjeta' esponenti kien deherilha li r-rikorrent kien inghata bizzejjed zmien sabiex jevalwa l-proposta, izda tat zmien ghaxart ijiem ohra ghal risposta, bl-intendiment li fin-nuqqas ta' risposta ir-rikorrent ikun meqjus li rrifjuta l- proposta.*

14. *Dak inhar stess l-avukat tar-rikorrent irrisponda u rrifjuta l-offerta. Ir-risposta kien fiha elementi ohrajn, izda ghaliex inbaghtet 'minghajr pregudizzju' ma tistax tintuza quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

15. *Fir-risposta tieghu r-rikorrent illimita ruhu li jirrifjuta l-proposta, minghajr ebda forma ta, spjegazzjoni ghaliex din il-proposta ma kienetx tissodisfa l-lanjanzi tieghu, u wisq inqas ma ghamel xi suggierimenti sabiex jigu kunsidrati ulterjorment mis-socjeta' esponenti.*

16. *F'dan l-isfond, wiehed jistaqsi jekk humiex legittimi l-lanjanzi tar-rikorrent.*

17. *Is-socjeta' esponenti kemm il-darba sostniet li l-mod ta' kif zviluppa l-process ta' dixxiplina mar-rikorrent jikkonstitwixxi abbuz tal-procedura u tal-ghodda li jipprovdu l-ligi u din l-Onorabbli Qorti. Is-socjeta, esponenti dejjem issuspettat li l-intenzjoni tar-rikorrent kienet biss li jtawwal il-process kemm jiflah, sabiex jevita kemm jista' jkun l-ezitu tal-procedura.[4] Naturalment komdu r-rikorrent li ghadu fuq*

[3] *Ara email datata 17 ta' Frar 2015 Dok DLR1*
[4] *Wiehed ghandu wkoll jikkunsidra l-fatt li, waqt sessjoni ta' mistoqsijiet mis-socjeta' esponenti, ir-rikorrenti ikkonferma minghajr tlaqliq li dak inhar in kwistjoni ghamel xift xoghol shih ma jahdimx, izda jitkellem man-nies u jahli l-hin. Dan il-fatt irrispettivament mic-charges l-ohrajn migjuba kontrih li huma ta' natura aktar serja ma jghinu xejn lir-rikorrenti u r-rikorrenti dan jafu sew.*

*il-kotba tas-socjeta esponenti u jippretendi wkoll li jithallas. Permezz ta' dan ir-rifjut skjett, minghajr ebda tentattiv sabiex tigi miftiehema procedura li z-zewg partijiet jistghu jkunu komdi biha, ma taghmel xejn hlief li tikkonferma s-suspetti tas-socjeta' esponenti.*

18. *Ghalhekk, f'dan l-istadju - u wara li mhux darba, izda tnejn u aktar, ghamlet tentattiva sabiex tinstab procedura li r-rikorrent joghgbu jissottometti ruhu ghaliha - is-socjeta' esponenti ma kien fadlilha ebda mod ta' kif tipprova tizblokka s-sitwazzjoni hlief li tadixxi ghal din l-Onorabbli Qorti. Abbazi tal-proposta maghmula mis-socjeta' esponenti fit-13 ta' Ottubru 2014, u ghal darb'ohra fis-17 ta' Frar 2015, is-socjeta' esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra li kwalunwe dehera prima facie ta' ksur ta xi jedd tar-rikorrent li wassal ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta' esponenti m'ghadux jissussisti, u li ghalhekk mhux ragonevoli u lanqas gustifikabbli li l-mandat jibqa fis-sehh.*

19. *Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini ta' l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 joghgobha, prevja dawk il-provvedimenti, termini u kundizzjonijiet ll jidhrilha xierqa taghti, tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 662/2014 kontra s-socjeta' esponenti ghaliex mhuwiex ragonevoli li jinzamm fis- sehh u lanqas m'huwa gustifikabbli.*

Bl-*ispejjez.”*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet illi fiha l-avukat difensur tar-rikorrenti Conrad Borg oggezzjona ghat-talba dedotta fir-rikors tat-22 ta’ Gunju 2015;

**Ikkonsidrat:**

Il-materja in ezami tikkoncerna talba ghar-revoka ta’ mandat kawtelatorju, in vista tal-fatt illi mid-data tal-hrug tal-mandat ta’ Inibizzjoni, is-socjeta’ De La Rue and Security Print Limited u Kenneth Cortis ghamlu **diversi** tentattivi sabiex tinstab procedura accettabli ghar-rikorrenti izda r-rikorrenti Conrad Borg irrifjuta kull wiehed minn dawn l-attentati u ghaldaqstant jikkonkorru l-elementi tal-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-**Artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** jipprovdi li :

> ***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***
>
> ***(a) Sa (e) Omisses***
>
> ***(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".***

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *"li mid-*dispozizzjoni *tal-istess* ***Artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-*mertu *kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (“**Yorkie Clothing Industry Ltd” u “Calleja Cremona Dr. Lilian**” –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll “**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**” tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat:**

Illi l-mandat kawtelatorju ta’ Inibizzjoni nhareg il-ghaliex fil-kors tal-proceduri ta’ dixxiplina inizjati mis-socjeta’ intimata u l-konvenut Cortis, li kienu jinkludu fihom indoli penali, kien hemm projbizzjoni li Conrad Borg jkun assistit minn avukat tal-fiducja tieghu jew li ikun hemm koncessjoni li jkun patrocinat minn avukat mhux biex jghamel xoghlu ta’ avukat, izda biex ikun biss *companion* tal-persuna processata.

Il-Qorti kif diversament presjeduta kienet laqghet it-talba definittivament fil-21 ta’ Mejju, 2014 u kkonfermat li d-dritt, ta’ impjegat ghal trattament gust fi proceduri dixxiplinarji migjuba kontra tieghu, kien *“dritt indiskuss”* u li kull procedura kellha ssegwi id-dettami tal-gustizzja naturali.

Illi fil-kaz in ezami, is-socjeta’ intimata u l-intimat Cortis jikkontendu illi r-rikorrenti gie mghoti **diversi** opportunitajiet sabiex tinstab il-procedura accettabbli ghalih, inkluz d-dritt li jattendi mal-avukat mghazul minnu; li jkollu access liberu ghad-dikjarazzjonijiet tal-impjegati u ghad-dritt tal-kontro-ezami tal-istess xhieda; u f’kaz li r-rikorrenti jattendi assistit minn avukat tieghu, Kenneth Cortis, (Finance Manager li kien ser jiggudika dan il-process) kien ser ikollu access ukoll ghall-avukat tas-socjeta intimata sabiex jiehu l-parir legali li jidhirlu necessarju. Minkejja dan r-rikorrenti baqa’ dejjem irrifjuta kull tentattiv ghal sejbien ta’procedura accettabbli b’mod l-aktar skjett.

Waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, l-avukat difensur tar-rikorrenti Borg, irribatta illi l-proceduri li kienet ser tadotta s-socjeta’ intimata kienu xorta wahda mankanti serjament ghal dak li jirrigwardja il-principji ta’ gustizzja naturali, in vista tal-fatt li r-rikorrenti Borg ma giex accertat li seta’ jharrek **b’mod effettiv** xhieda tieghu u li l-avukat difensur ta’ Kenneth Cortis (l-aggudikant) kien ser ikun assistit l-avukat difensur tas-socjeta’ intimata.

In vista ta' dan kollu, il-Qorti ma tistax tgharaf kif is-socjeta' intimata u l-intimat jippretendu illi l-Qorti tirrikonoxxi li, fil-fatt, sehh bdil fic-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-mandat ta' Inbizzjoni sal-intavolar tar-rikors odjern.

Il-Qorti tfakkar illi ghar-rigward tal-Artikolu 836(1)(f) irid jigi ppruvat illi jissoktaw bdil ta' cirkostanzi mid-data illi fih gie akkolt il-mandat ta' Inibizzjoni sad-data tar-rikors li qed jimpunjah - "...***li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu...*"** , – vide **Gasanmamo Insurance Limited et vs Roc A Go Crane Services Limited et** , deciza fis-6 ta' Frar 2014; u **Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri et. noe** deciza fit-3 ta' Awwissu 2003; **Daniel Coppini vs Mario Calleja et** deciza fl-4 ta' Gunju, 2015; **Av Ann Fenech (28763M) ghan-nom u in rappresentanza ta' Faisal Juma Khalfan Belhoul Alfalasi [Passaport UAE numru A2254322] vs Il-Bastiment MY Whispering Angel** deciza fil-5 ta' Gunju 2015.

Infatti fid-digriet finali fl-ismijiet **Gasanmamo Insurance Limited et vs Roc A Go Crane Services Limited et** , deciza fis-6 ta' Frar 2014 gie ritenut:

> ***"Ghalhekk f'dawn il-proceduri r-rikorrenti ghandhom jippruvaw li tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz mhux ragjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh u li xi wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat m'ghadhiex tesisti" ("Dr, Tonio Fenech noe v Dr. Patrick Spiteri et. noe"*** [5]***). Illi minn kliem il-ligi stess johrog car li sabiex jitwarrab Mandat (jew parti) abbazi ta' dan is-subartikolu hu mehtieg li jkun hemm bidla sostanzjali fii-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-Mandat"*** (enfasi ta' din il-Qorti );

Din il-Qorti tqis li s-socjeta' intimata u l-intimat ma rnexxielhomx almenu sal-grad ta' prima facie, jipprovaw li kien hemm xi bdil fic-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-mandat cioe mill-21 ta' Mejju, 2014 sad data tal-prezentata ta' dan ir-rikors cioe' fit-22 ta' Gunju, 2015.

[5] *Moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fit-3 ta' Awwissu 2003*

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad it-talba tas-socjeta initmata De La Rue Currency and Security Print Limited u l-intimat Kenneth Cortis, ghar-revoka tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 662/14.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta initmata De La Rue Currency and Security Print Limited u l-intimat Kenneth Cortis.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------